VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,043, 5 ta' Marzu, 2013*
*Taqsima B*

**A.L. 93 tal-2013**

## ATT DWAR IŻ-ŻWIEĠ
## (KAP. 255)

## Regolamenti tal-2013 dwar il-Proċedura dwar Informazzjoni li tinħtieġ minn xi Qorti ta' Ġurisdizzjoni Ċivili mingħand it-Tribunal Ekkleżjastiku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar iż-Żwieġ, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 dwar il-Proċedura dwar Informazzjoni li tinħtieġ minn xi Qorti ta' Ġurisdizzjoni Ċivili mingħand it-Tribunal Ekkleżjastiku.

Tifsir. Kap. 255.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, "Att" tfisser l-Att dwar iż-Żwieġ.

Proċedura.

**3.** Meta, fl-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att, xi Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tkun tinħtieġ xi kjarifika, informazzjoni ulterjuri jew dokumenti mingħand it-Tribunal Ekkleżjastiku, hija għandha tagħti digriet li fih għandha tispeċifika il-kjarifika, informazzjoni ulterjuri jew dokumenti li hija tkun tinħtieġ, u għandha tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali sabiex jinnotifika l-istess digriet lis-Santa Sede permezz tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.